MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 710/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**ANTHONY BEZZINA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Bezzina ta' 50 sena, bin Xandru u Mikelina nee' Zarb, imwieled Ghajn Tuffieha l/o San Pawl il-Bahar fil-27 t'Awissu 1952, li joqghod Ta' Jose Flats, Flat No. 2, Triq is-Simar, Xemxija. Detentur tal-karta' ta' l-identita numru 655852M.

U akkuzat talli

a. fil-21 ta' April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM294.60 ghad-dannu ta' l-istabiliment Ta' Karla Ltd. u ta' Reno Micallef;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. u aktar talli fil-15 ta' April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel tiwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM314.40 ghad-dannu ta' l-istabiliment Master Cellars Ltd., ta' Silvio Camilleri u ta' Kenneth Camilleri;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

c. u aktar talli fid-29 ta' April 2003 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal, tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' LM116.80 ghad-dannu ta' l-istabiliment Carters Supermarket u ta' Patrick Dalli u ta' Raymond Cassar;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

d. u aktar talli fid-Dicembru 2000 u fil-perjodu ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn LM2.900.00 ghad-dannu ta’ l-istabiliment Tower Ironmongery, ta’ Godwin Abdilla u ta’ Victor Abdilla;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

e. u aktar talli fid-21 ta’ Awissu 2003 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ LM120.00 ghad-dannu ta’ l-istabiliment ABC Confectionery u ta’ Marisa Pace;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

f. u aktar talli, fl-istess data, lok u hin, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta’ serq;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

U b'hekk Anthony Bezzina, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datati 16.07.1992 u 02.02.1996, u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 16.09.1999, 21.02.2000 u 16-07-2001, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 1 ta' Lulju, 2004 u nnutat li l-imputat Anthony Bezzina m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis- Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 18, 308, 309, 310, 334, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Bezzina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Anthony Bezzina ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------